**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta ta' 20 ta' Novembru 2018**

Rikors Numru 220/2017

**Fl-atti tal-att gudizzjarju imressaq ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bin-numru 1943/17**

**Automated Revenue Management Services Ltd (C46054)**
**f' isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u**
**l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**vs**

**Josef Borg (K.I. nru 136184M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tieghu ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti Josef Borg ippremetta:-

*L-esponenti jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni permezz ta' att gudizzjarju notifikata lilu, li permezz taghha gie interpellat ihallas is-somma ta' EUR 2,356.77. L-esponenti qieghed jikkontesta din it-talba,*

*u jopponiha bhala wahda infondata, inter alia, ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Fl-ewwel lok, u b' mod preliminari, l-att gudizzjajru prezentat fil-konfront tar-rikorrenti huwa irritu, null, u ma jiswiex stante illi qabel, l-esponenti ma nghatax l-opportunita' effettiva illi jizufruwixxi ruhu mill-fakulta moghtija lilu mill-proviso tal-artikolu 466(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, xorta wahda l-esponenti ma huwiex il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd u/jew tal-korpi minnha rapprezentanti. Huwa qatt ma utilizza s-servizzi li dwarhom hemm it-talba ghall-hlas, hekk ukoll illi qatt ma kien il-persuna responsabbli mill-gestjoni tan-negozju tal-cafeteria bl-indirizz 'Crafts Village Cafeteria', Crafts Village, Ta' Qali l/o Rabat, imsemmi fl-att gudizzjarju. Huwa sempliciment kien l-accountant tal-kumpannija li kienet tiggestixxi dan in-negozju, cioe' J & P Abela Company Limited. L-esponenti ma huwiex rapprezentant legali ta' din il-kumpannija.*

*3. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost u biss b' mod ghal kollox sussidjarju, is-socjeta' J & P Abela Company Limied okkupat il-fond de quo biss sa Awissu 2015, ghaliex proprju f' dak ix-xahar, is-socjeta' Malta Industrial Parks Limited, presubilment ghan-nom tal-Gvern hadet dan l-istess fond mill-pussess ta' din il-kumpannija li taghha kien l-accountant l-esponenti. Ghalhekk, jekk hemm xi hlasijiet dovuti lil agenzija governattiva ohra wara l-bidla fl-okkupazzjoni, l-esponenti u/jew J & P Abela Company Limited ma humiex responsabbli ghalihom. Di fatti, kienet proprju l-istess kumpannija Malta Industrial Parks Limited li kienet assigurat lis-socjeta' J & P Abela Company Limited illi wara li din tivvaka l-fond, kienet se tkun hija illi tiehu hsieb tikkonverti s-servizzi tad-dawl u tal-ilma halli ma jibqawx isejhu lill-okkupant precedenti (J & P Company Limited).*

*In vista tas-suespost, kif ukoll tar-ragunijiet illi sejrin jirrizultaw waqt is-smigh ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara t-talba ta' Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054) f' isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma bhala wahda infondata.*

Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited tat-12 ta' Settembru 2017 li taqra hekk:

*1. Illi huwa minnu li l-kont numru 101000085975 ma huwiex registrat f' isem ir-rikorrenti intimat, izda f' isem Crafts Village Cafeteria li huwa biss isem li tahtu, sa fejn taf is-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited, kien jiggestixxi l-cafeteria Josef Borg u jew J & P Abela Limited.*

*2. Illi r-rikorrenti intimat Josef Borg, permezz ta' skrittura datata 26 ta' Marzu 2014 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata "Dok NS" kien dahal responsabbli personalment ghad-dejn li kien hemm dakinhar u anke ghal kull kont iehor li jinhareg, kif tobbligah l-istess skrittura.*

*3. Illi sallum dan il-kont baqa' registrat kif kien fiz-zmien meta giet iffirmata tali skrittura u qatt ma gie trasferit lil terzi.*

*4. Illi ghalhekk l-imsemmi Josef Borg ghadu responsabbli ghall-kont anke jekk illum l-fond fejn hemm is-servizzi ma ghadux f' idejh.*

*5. Illi kienet ir-responsabbilita' tieghu li jara li l-kont jigi trasferit fuq terzi, b' hekk biss kien jehles mir-responsabbilita' ghall-istess.*

*6. Illi dak li ntqal fir-risposta ta' Josef Borg f' isem is-socjeta' J & P Abela Limited ma ghandux jigi mehud in konsiderazzjoni minn din il-Qorti u dan sempliciment peress li din is-socjeta' ma hijiex parti f' din il-kawza u anke peress li l-istess Josef Borg mhux qed jidher f' isem l-istess.*

*7. Illi ghaldaqstant u b' rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti pro et nomine titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1943/2017 pprezentata ai termini tal-art 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda prodotta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2018.

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie premess mir-rikorrenti fis-sens li b' mod preliminari, l-att gudizzjajru prezentat fil-konfront tar-rikorrenti huwa irritu, null, u ma jiswiex stante illi qabel, ir-rikorrenti ma nghatax l-opportunita' effettiva illi jizufruwixxi ruhu mill-fakulta moghtija lilu mill-proviso tal-artikolu 466(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 466(1) tal-Kap 12 jaqra:

*"466.(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jewb'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekkawtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lildipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lilxi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuqbeni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur ujikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u l-elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-*

*rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammontdovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter."*

Dwar dan, ir-rikorrenti ma ressaqx provi sabiex jissostanzja din l-argumentazzjoni tieghu. In vista ta' dan, din il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwarha stante li ma tressqux provi dwar l-istess.

Illi mill-atti jirrizulta li l-kont numru 101000085975 ma huwiex registrat f' isem ir-rikorrenti Josef Borg izda f' isem Crafts Village Cafeteria. Mix-xhieda moghtija minn Reuben Bonnici fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2018, l-applikazzjoni originali dwar dan il-kont relattiv saret minn J & P Abela Co Limited fil-31 ta' Awissu 1993. Crafts Village Cafeteria kienet operata minn J & P Abela Limited, liema kumpannija kienet propjeta' ta' Anthony Fenech. In fatti mix-xhieda ta' Josef Borg, irrizulta wkoll li Anthony Fenech huwa d-direttur u azzjonist ta' J & P Abela Co Limited ( Vide Dok JB 3 a fol 40 et seq) filwaqt li huwa kien biss l-accountant ta' din il-kumpannija.

Irrizulta li kien hemm diversi arretrati ta' hlasijiet dovuti lil Arms Limited ammontanti ghal EUR 3,593.70c u ghalhekk intlahaq ftehim dwar kif kellhom isiru l-pagamenti biex jithallas dan l-ammont pendenti. Fiz-zmien li gie ffirmat dan il-payment schedule, ossija 26 ta' Marzu 2014, Anthony Fenech kien indispost (Vide Dok JB 1 a fol 38) u awtorizza lil Josef Borg biex ghan-nom tieghu jiffirma kwalunkwe payment arrangements kienu ntlahqu bejn l-Arms Ltd u J & P Abela Limited. In fatti, ai termini ta' ittra datata 21 ta' Marzu 2014 u ezebita bhala Dok JB2 a fol 39 tal-process, gie mnizzel hekk b' referenza ghal account number 101000085975 -Crafts Village Cafeteria – J & P Abela Limited :

*"In reference to the above mentioned account number with Arms Ltd, operated by J & P Abela Limited, C 8300, MT 12513932; with registered address; 16, JH Newman Street, Naxxar; I, Mr Anthony Fenech holder of ID card number: 92753M; being owner and managing director of J & P Abela Limited, am hereby authorizing Mr Josef Borg; holder of ID card no: 136184M to appear on behalf of myself vis a vis arrangements being made between Arms Ltd and J & P Abela Limited, in view of the proposed repayment agreement."*

Sussegwentement, gie ffirmat il-payment schedule ezebit a fol 9 u 10 tal-process. Dan id-dokument jirrigwarda arretrati ta' EUR 3,593.70c dovuti fuq il-kont numru 101000085975. Fih hemm kontenut spjega dettaljata tal-pjan ta' hlas. F' dan id-dokument, hemm imnizzel illi kontijiet pendenti ohra mhumiex inkluzi f' dan il-ftehim u ghandhom jithallsu malli jigu hekk ricevuti :

*"Furthermore, current bills are not included in this installment plan and must be paid on receipt. Any default on payment may result in immediate suspension of supply and respective legal actions taken."*

Gie mnizzel specifikament illi f' kaz ta' entita' kummercjali, il-firmatarju kien ser ikun responsabbli in solidum ma' l-istess entita' kummercjali:

*"In the case of a commercial entity, the signatory is being held responsible and 'in solidum' with the same entity as per all below conditions on default:*

*1. Your request is being accepted 'ex gratia' and could be withdrawn after notification and if the case, all outstanding amount will have to be paid immediately.*

*2. This agreement will be terminated automatically if payments are not effected and ARMS Ltd, may suspend electricity service at your address and start legal action against you.*

*3. If electricity service is suspended for one of the above reasons, reconnection of same service will not take place unless full payment including all legal and administrative charges, is effected."*

Dan id-dokument gie ffirmat minn rapprezentant tal-ARMS Limited u minn Josef Borg, minghajr ma' gie ndikat li dan kien qed jidher ghan-nom ta' Anthony Fenech jew tal-kumpannija J & P Abela Limited.

Mill-provi ezebiti, irrizulta li l-pagamenti hemm kollha mnizzla f' dan il-ftehim gew imhallsa ai termini tal-ftehim. In fatti, ir-rapprezentant ta' ARMS Limited ikkonferma li l-pagamenti kollha saru fix-xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2018. Madanakollu, wara li

thallset is-somma ta' EUR 3,593.70c ai termini tal-ftehim a fol 9 u 10 tal-process, il-kontijiet li hargu sussegwentement baqghu ma thallsux. Il-kont baqa' intestat f' isem Crafts Village Cafeteria.

Din il-Qorti tqies li l-ftehim ezebiet a fol 9 u 10 tal-process kien jirrigwarda verament il-kont numru 101000085975 izda kien jirrelata l-arretrati ta' EUR 3,593.70c. In oltre, il-pagamenti hemm imnizzla gew ilkoll saldati.

Ghalkemm huwa minnu li Josef Borg iffirma dan id-dokument, din il-Qorti ma tqisx li dan Borg kellu jigi mizmum responsabbli minn ARMS Limited fir-rigward ta' arretrati ohra li ma kinux imnizzla fil-ftehim ezebit a fol 9 u 10 tal-process. Josef Borg ma huwiex il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd u/jew tal-korpi minnha rapprezentanti. Huwa qatt ma utilizza s-servizzi li dwarhom hemm it-talba ghall-hlas u lanqas ma kien ma kien il-persuna responsabbli mill-gestjoni tan-negozju tal-cafeteria bl-indirizz 'Crafts Village Cafeteria', Crafts Village, Ta' Qali l/o Rabat, imsemmi fl-att gudizzjarju. Huwa sempliciment kien l-accountant tal-kumpannija li kienet tiggestixxi dan in-negozju, cioe' J & P Abela Company Limited. Lanqas ma kien rapprezentant legali ta' din il-kumpannija.

**Provvediment**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti din il-Qorti qeghda tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors promotur u tiddikjara t-talba ta' Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054) f' isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma bhala wahda infondata

**Magistrat** **Deputat Registratur**